

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

1.9.2008

0067/2008

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Irena Belohorská, Zita Pleštinská, Malgorzata Handzlik, Janelly Fourtou  
u Christel Schaldemose

dwar il-bżonn ta' tfassil ta' studju ddettaljat mill-Kummissjoni dwar prodotti li  
jixtiebhu,

Data ta' skadenza: 4.12.2008

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-bżonn ta' tfassil ta' studju ddettaljat mill-Kummissjoni  
dwar prodotti li jixtiebhu**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-falsifikazzjoni u l-piraterija qed isiru ta' periklu kbir għall-ekonomija, l-impjegi u l-kreattività Ewropea,
- B. billi tipi differenti ta' prodotti oriġinali jiġu kkupjati ta' spiss minn 'prodotti li jixtiebhu', li jistgħu jew le f'xi każijiet ikunu kkunsidrati bħala falsifikazzjoni u ksur tad-drittijiet tal-propjetà intellettwali,
- C. billi ħafna drabi jkun hemm inċertezzi madwar il-mistoqsija safejn l-affarijiet li jixtiebhu jistgħu jkunu pproċessati skond il-liġi tal-kompetizzjoni inġusta, meta wieħed iqis li f'xi Stati Membri hemm liġi tal-kompetizzjoni inġusta B2B u f'oħrajn le, meta wieħed iqis id-disparitajiet leġiżlattivi anke bejn dawn l-Istati Membri fejn hemm liġi tal-kompetizzjoni inġusta B2B, u meta wieħed iqis li r-relazzjoni bejn l-IPR u l-liġi tal-kompetizzjoni inġusta mhix ċara,
- D. billi huwa diffiċli biex ssir stima tal-iskala u l-limitu tal-problema fil-livell Ewropew,
- E. billi l-konsumaturi sikwit jixtru 'prodotti li jixtiebhu', u bi żball jemmnu li huma l-prodotti tal-marka, li potenzjalment qed tikkawża riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumatur,
- F. billi l-liġi eżistenti dwar il-prodotti li jixtiebhu tvarja minn Stat Membru għal ieħor u ma jkunx dejjem possibbli li jiġiharsu d-drittijiet tal-manifatturi kontra l-prodotti li jixtiebhu,
- 1. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproduċi studju dwar l-impatt u l-istatus ta' 'prodotti li jixtiebhu' fis-suq intern;
- 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni.